V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10993 – T-MOBILE AUSTRIA HOLDING / MERIDIAM INVESTMENT / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 40/04)

1. Fis-26 ta' Jannar 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— IT-Mobile Austria Holding GmbH ("**TMAH**", l-Awstrija), ikkontrollata minn Deutsche Telekom Europe BV ("Deutsche Telekom", il-Ġermanja),

— Meridiam Investment GmbH ("**Meridiam Investment**", l-Awstrija), ikkontrollata minn Meridiam SAS ("Meridiam", Franza),

— Alpen Glasfaser Holding GmbH ("HoldCo", l-Awstrija), kumpanija ġdida li se jkollha l-ishma kollha f'Alpen Glasfaser GmbH ("FibreCo", l-Awstrija), li min-naħa tagħha se jkollha l-ishma kollha f'Alpen Glasfaser Zwei GmbH ("FibreCo Subsidised", l-Awstrija) (HoldCo, FibreCo u FibreCo Subsidised flimkien jissejħu "**JV**").

TMAH u Meridiam Investment se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-JV.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża bi sħab (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi konċernati huma dawn li ġejjin:

— TMAH hija operatur tat-telekomunikazzjoni fl-Awstrija li, permezz tas-sussidjarja tagħha T-Mobile Austria GmbH, hija proprjetarja ta' networks tal-mobile b'kopertura nazzjonali, toffri servizzi ta' telekomunikazzjonijiet bil-mobile fil-livell tal-konsumaturi u bl-ingrossa, u tippossjedi u tħaddem network ta' cables tal-fibrokoassjali ibridu f'partijiet tal-Awstrija li permezz tiegħu toffri televiżjoni bil-cable, internet fiss u servizzi ta' telekomunikazzjonijiet fissi lil klijenti privati u kummerċjali,

— Meridiam Investment hija kumpanija tal-portafoll indiretta proprjetà sħiħa ta' Meridiam, li hija maniġer ta' fond ta' investiment alternattiv li jiffoka fuq investimenti infrastrutturali fit-tul fl-Ewropa, fl-Amerki, u fl-Afrika.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża fil-mira huma: l-introduzzjoni ta' infrastruttura passiva tal-fibra ottika f'żoni deżinjati ta' introduzzjoni fl-Awstrija u li toffri aċċess bl-ingrossa għall-prodotti bitstream lill-forniturі tas-servizzi tal-internet.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10993 – T-MOBILE AUSTRIA HOLDING / MERIDIAM INVESTMENT / JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.